MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1346/2000/1

**Dr Victor Sultana M.D., F.R.C.S.**

**vs**

**Prim Ministru**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Frar, 2002. L-attur fic-citazzjoni tieghu ippremetta illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet harget sejha ghall-mili ta' post ta'

*Consultant Surgeon* b'interess fil-*Vascular Surgery* fid-Divizjoni tas-Sahha, u dan permezz ta' avviz ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Jannar, 1999 (Dok. AV, anness mac-citazzjoni). L-attur jghid li hu kien l-uniku wiehed li applika u li kien jissodisfa il-provvedimenti tal-paragrafu 6(c) tal-imsemmi avviz [1]. Huwa jikkontendi li minkejja "dak kollu li tipprovdi l-Kostituzzjoni u l-avviz mahrug ghal sejha ghall-applikazzjonijiet, thallew joqghodu applikanti u fil-fatt intghazel persuna li ma kellux il-kwalifiki skond l-avviz mahrug; u precipwament kien hemm nuqqas ta' tharis ta' dak li li kien hemm stipulat fil-paragrafu 6(c) tal-Avviz" imsemmi. Jippremetti wkoll l-attur li meta nhatar il-Bord biex jezamina l-applikanti "kien hemm ukoll ksur tar-regoli maghrufa bhala Estacode li jirregolaw is-servizz civili u kif ghandhom isiru l-ghazliet". Huwa jghid li immedjatament gibed l-attenzjoni tal-Prim Ministru u tal-awtoritajiet l-ohra ghal dawn il-fatti, u ttanta anke mandat ta' inibizzjoni u protest, izda minkejja dan "il-konvenut ma biddel xejn mid-decizjoni tieghu, anzi wettaqha". L-attur, ghalhekk, jikkontendi li l-agir tal-konvenut huwa "kontra l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, u precipwament fis-subartikolu (6) tieghu [2]". Premess dan kollu l-attur talab lill-Prim Awla tiddikjara

(1) **li ghar-ragunijiet premessi l-konvenut agixxa in vjolazzjoni u kiser il-provvediment tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni fil-hatra tal-Consultant in General Surgery with Interest in Vascular Surgery, u dan peress li ma mexiex skond l-avviz ghas-sejha tal-applikazzjonijiet mahrug fid-19 ta' Jannar 1999, ghal tali skop, kif tipprovdi l-istess Kostituzzjoni,**

---

[1] Il-paragrafu 6(c) kien jghid li "Applicants must…be in possession of a recognised higher postgraduate qualification in Surgery (FRCS or equivalent qualification recognised as such in the European Union or USA) and at least six years post registration experience in Vascular Surgery of which at least three years must be at Senior Registrar or Higher Surgical Trainee or equivalent."

[2] Frankament din il-Qorti ma tarax ir-relevanza tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ghal dan il-kaz. Is-subartikolu (6) jipprovdi li *"Dhul f'impiegi ma' kull Korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b'xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu"*.

(2) **Konsegwentement tiddikjara li l-hatra hija nulla u bla effett u li ghal dik is-sejha ghall-hatra ma kienx hemm hlief applikazzjoni wahda valida tal-attur.**

Il-konvenut issolleva diversi eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni kienet li hu ma kienx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u li ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Din l-eccezzjoni giet respinta b'sentenza in parte (l-ewwel sentenza in parte f'din il-kawza) tal-21 ta' Frar, 2001 [3]. <u>Minn din is-sentenza in parte ma kienx hemm appell</u>.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut Prim Ministru tghid hekk:

***"…illi l-azzjoni hija mankanti minn fondament Kostituzzjonali u anzi tmur espressament kontra dak li huwa stipulat fl-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni billi hija diretta sabiex tissindaka interpretazzjoni ta' sejha ghal applikazzjonijiet maghmula mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta l-agir tal-Kummissjoni f'materja bhal din m'huwiex sindakabbli".***

Dwar din it-tieni eccezzjoni inghatat is-sentenza li minnha qed isir l-appell odjern mill-konvenut. Ir-ragunijiet ghala l-ewwel Qorti rrispingiet din l-eccezzjoni huma s-segwenti:
"Illi, fil-qofol taghha, l-eccezzjoni taht ezami tfisser li din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha li tindahal fil-kwistjoni mqanqla mill-attur ghaliex dan ikun ifisser indhil fil-hidma tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, liema ndhil mill-Qrati m`huwiex imholli mill-artikoli 115 tal-Kostituzzjoni;

Illi s-sottomissjonijiet kollha tal-imharrek dwar din l-eccezzjoni saru sewwasew dwar l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, u l-Qorti taqbel ghal kollox ma dak li jinghad fl-imsemmija Nota dwar l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. L-imharrek jiggustifika l-linja li ha ghaliex jghid li, wara kollox, il-process tal-ghazla li qieghed jilmenta minnu l-attur tnieda u twettaq mill-imsemmija Kummissjoni, u ghalhekk, jghid, ghalkemm il-Kummissjoni mhix imharrka

[3] Dik il-Qorti f'dik is-sentenza in parte ipprovdiet dwar l-ispejjez fis-sens li dawn kellhom jibqghu biex jigu determinati mas-sentenza finali.

f`din il-kawza, l-azzjoni intentata mill-attur bilfors sejra tidhol fi skrutinju tal-ghamil tal-Kummissjoni, u, bhala konsegwenza, mhux sindakabbli mill-Qorti;

Illi din il-Qorti qieset li l-imharrek innifsu jistqarr li l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku m`hijiex parti f`din il-kawza. Imma jzid jghid li d-direzzjoni wahdanija li tista' tiehu din il-kawza hija li tigi mitluba tissindika l-operat tal-Kummissjoni. Il-Qorti ma hijiex ta' din il-fehma u ma taqbilx ghal kollox ma' din is-sottomissjoni, ghaliex mhux eskluz, mit-tfassila tal-att tac-citazzjoni nnifisha, li l-attur iressaq provi dwar l-ilment tieghu minghajr ma jahbat difrejh ma' dik is-sanzjoni limitattiva. Il-Qorti hija tal-fehma li ghadu bikri wisq, f`dan l-istadju tal-kawza, biex wiehed jikkonkludi li l-linja mehuda mill-attur sejra tkun indagni wahdanija tal-operat tal-Kummissjoni, ukoll jekk wiehed iqis min huma l-persuni li hu indika bhala xiehda tieghu;

Illi, f`dan ir-rigward, lanqas jista' jkun hemm pregudizzju ghall-imharrek ghaliex l-attur jaf (u l-Qorti ma tistax tinjora) li, jekk hu jipprova jissindaka l-ghamil tal-Kummissjoni biex jipprova l-ilment tieghu, huwa jsib li dik il-linja ma tkunx tista' tittiehed izjed u jitwaqqaf milli jsegwiha. F`din il-linja ta' hsieb, il-Qorti qeghda izzomm quddiem ghajnejha dak li jipprovdu l-artikoli 87(3)[1] u 115 tal-Kostituzzjoni. Madankollu, b`daqshekk biss ma jistax jinghad li l-azzjoni tieghu hija mankanti minn fondament Kostituzzjonali, kif qieghed jissottometti l-imharrek fit-tieni eccezzjoni tieghu. Hija haga certa li l-firxa ta' possibitajiet probativi miftuha ghall-attur m'hijiex wahda wiesgha u minghajr limiti, izda l-azzjoni m`ghandhiex tinqatel jekk huwa jista' jipprova l-ilment tieghu dwar in-nuqqas ta' hatra tieghu bla ma jirfes fuq dak li l-ligi tghid li m`huwiex sindakabbli mill-Qrati;

Illi kif inghad fis-sentenza parzjali moghtija fil-21 ta' Frar, 2001, l-azzjoni tal-attur saret kontra l-Prim Ministru u l-Qorti diga` qieset ghaliex hasset li l-Prim Ministru kien il-kontradittur legittimu tal-pretensjonijiet attrici u ma thossx il-htiega li terga' tirrepeti ruhha dwarhom. Ittenni biss li l-

[1] Recte: 86(3)

Prim Ministru mhux obbligat li jagixxi fuq dak li tirrakkomanda l-Kummissjoni, u lanqas jista' jitqies li meta jiehu decizjoni dwar hatra jew tnehhija ta' ufficjal pubbliku, ikun qieghed jaghmel dan semplicement biex jifformalizza l-ghamil tal-Kummissjoni;

Illi, huwa minnu li l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jghid li l-Prim Ministru jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni, imma l-Qorti hija tal-fehma li din tibqa' dejjem rakkomandazzjoni u l-Prim Ministru jista' jaghzel li ma jimxix fuqha;

Illi jizdied jinghad li l-fatt dwar jekk il-Prim Ministru jkun agixxa skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jew ta' xi awtorita` ohra, ma jistax jigi skrutinat minn xi Qorti[2]. Imma l-Qrati jistghu u ghandhom il-jedd iqisu jekk l-agir tieghu jikkonformax ma' dak li tghid il-ligi;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi:

Tichad it-tieni eccezzjoni tal-imharrek u tordna li l-kawza titkompla. L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali."

Permezz ta' rikors datat 12 ta' April, 2002, il-konvenut appella minn din id-decizjoni. L-aggravji tieghu huma bazikament tnejn. L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata peress li (**1**) injorat ghal kollox dak li jipprovdi l-Artikolu 86(1) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll peress li (**2**) din id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni trid necessarjament tinqara flimkien ma' l-Artikolu 110(1) li l-ksur tieghu qed jigi invokat mill-attur (appellat) bhala bazi ghat-talbiet tieghu.

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji ta' l-appellant, ghandhom isiru zewg precisazzjonijiet. L-ewwelnett l-appellat ma ppresentax risposta ghar-rikors ta' appell tal-konvenut. Fit-tieni lok, fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2002 quddiem din il-Qorti diversament komposta, jidher li tqanqal minn xi hadd – mill-verbal ma hux car

[2] Ara art. 86(3) tal-Kostituzzjoni.

minn min – xi kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' dana l-appell a tenur ta' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni. Pero` eccezzjoni formali ta' inkompetenza jew nuqqas ta' gurisdizzjoni qatt ma inghatat. In fatti kulma jghid il-verbal tal-udjenza msemmija huwa:

**Meta ssejjah l-appell, peress li din il-kawza hija konnessa mal-kawza Nru: 2 fuq il-lista tal-Qorti Kostituzzjonali tallum, hija wkoll differita ghat-2 ta' Dicembru 2002 f'nofsinhar bl-intiza li dak in-nhar jigi dibattut ukoll jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni tisma' dan l-appell a tenur ta' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni.**

Fit-2 ta' Dicembru, 2002, pero`, ma sar xejn minhabba impediment legittimu ta' wiehed mill-imhallfin komponenti din il-Qorti, u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-17 ta' Frar, 2003 "fl-istess hin u ghall-fini tal-verbal percedenti". Fis-17 ta' Frar, 2003 mhux biss ebda wahda mill-partijiet ma ssollevat formalment xi eccezzjoni f'dan ir-rigward, izda iz-zewg difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Joseph Brincat u l-Assistent Avukat Generali Dott. Peter Grech – ittrattaw biss u specifikatament il-meritu tar-rikors ta' appell u dan peress li fl-appell kostituzzjonali (jigifieri l-appell migjub quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mill-istess sentenza tal-14 ta' Frar, 2002) fl-istess ismijiet gie verbalizzat (dejjem fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2003) hekk:

**Id-difensuri tal-partijiet jaqblu li peress li l-meritu ta' dan l-appell [4] ser jigi deciz fil-kawza civili fl-istess ismijiet li tinsab differita ghas-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghas-27 ta' Gunju, 2003, dana l-appell Kostituzzjonali jigi rtirat b'dan pero` li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dott. Peter Grech qara u pprezenta Nota ta' Cessjoni a tenur tal-verbal appena registrat. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dana l-appell.**

[4] i.e. quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Din il-Qorti, ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ eccezzjoni formali (u anke wara li rat l-Artikolu 774 tal-Kap. 12) hi tal-fehma li kwalsiasi kwistjoni li talvolta seta’ kien hemm (jekk kien hemm) ta’ gurisdizzjoni jew kompetenza giet sorvolata bi qbil bejn il-partijiet u bil-fatt li l-partijiet ghazlu li jitrattaw biss fil-meritu u jhallu l-kawza ghas-sentenza (evidentement fil-meritu) ghal-lum.

L-appellant qieghed bazikament jikkontendi li l-ewwel Qorti iddecidiet hazin ghax, filwaqt li fis-sentenza taghha rrikonoxxiet il-limitazzjonijiet kjarament imposti fuq is-sindakabilita` -- da parti tal-qrati -- tal-operat tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (Art. 115 tal-Kostituzzjoni) kif ukoll li limitazzjoni fuq is-sindakabilita` dwar jekk il-Prim Ministru ikunx agixxa skond rakkomandazzjoni maghmula lilu jew jekk ikunx ikkonsulta f’kaz li huwa ghandu jagixxi wara li jikkonsulta ma’ xi persuna jew awtorita` (Art. 86(3)), erroneament irriteniet li f’kaz bhal dak *de quo* l-appellant ma kienx obbligat li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-parti tas-sentenza appellata li, skond l-appellant, tikkontjeni l-izball fondamentali hija s-segwenti:

**Itteni biss li l-Prim Ministru mhux obbligat li jagixxi fuq dak li tirrakkomanda il-Kummissjoni, u lanqas jista’ jitqies li meta jiehu decizjoni dwar hatra jew tnehhija ta’ ufficjal pubbliku, ikun qieghed jaghmel dan semplicement biex jifformalizza l-ghamil tal-Kummissjoni;**

**Illi huwa minnu li l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jghid li l-Prim Ministru jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni, imma l-Qorti hija tal-fehma li din tibqa’ dejjem rakkomandazzjoni u l-Prim Ministru jista’ jaghzel li ma jimxix fuqha;**

**Illi jizdied jinghad li l-fatt dwar jekk il-Prim Ministru jkunx agixxa skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jew ta’ xi awtorita` ohra, ma jistax jigi skrutinat minn xi Qorti (ara Art. 86(3) tal-Kostituzzjoni). <u>Imma l-Qrati jistghu u ghandhom il-</u>**

**jedd iqisu jekk l-agir tieghu jikkonformax ma' dak li tghid il-ligi.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti difficilment tista' tifhem ghal x'hiex proprjament qed tirreferi l-ewwel Qorti bis-sentenza hawn aktar 'l fuq sottolineata. Ma hemmx dubbju li l-agir tal-Prim Ministru f'hafna oqsma huwa sindakabbli mill-Qrati, izda fil-kamp limitat indikat fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni tali sindakabilita` hi espressament eskluza (salv jekk ikun qed jigi allegat ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem[5]). Anqas ma kienet korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li l-Prim Ministru mhux obbligat li jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Is-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni jaghmlu distinzjoni cara bejn meta l-Prim Ministru hu mehtieg skond il-Kostituzzjoni li jezercita xi funzjoni skond ir-rakkomandazzjoni ta' xi persuna jew awtorita` u meta huwa mehtieg li jaqdi xi funzjoni wara konsultazzjoni ma' xi persuna jew awtorita`[6]. Fl-ewwel kaz, il-Prim Ministru ghandu jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni. Huwa biss meta huwa ghandu jikkonsulta li ma hux obbligat li jimxi skond il-parir moghti lilu. Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 86(1), moqrija flimkien ma' l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ma tistax tigi interpretata hlief li meta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha dwar hatra jew hatriet fis-servizz pubbliku [7], il-Prim Ministru hu

---

[5] Ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Jannar, 1985 fl-ismijiet ***Perit Vincent Galea v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Amministrattiv***.

[6] Art. 86: *(1) Meta skond din il-Kostituzzjoni il-Prim Ministru huwa mehtieg li jezercita xi funzjoni skond ir-rakkomandazzjoni ta' xi persuna jew awtorita` huwa ghandu jezercita dik il-funzjoni skond dik ir-rakkomandazzjoni: Izda – (a) qabel ma jigixxi skond hekk huwa jista' jirriferixxi lura ghal darba wahda dik ir-rakkomandazzjoni ghal konsiderazzjoni mill-gdid minn dik il-persuna jew awtorita`; u (b) jekk dik il-persuna jew awtorita`, wara li tkun ikkunsidrat mill-gdid ir-rakkomandazzjoni originali skond il-paragrafu ta' qabel dan, tissostiwixxi rakkomandazzjoni differenti, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ghandhom jghoddu ghal dik ir-rakkomandazzjoni differenti bhalma jghoddu ghar-rakkomandazzjoni originali.*

*(2) Meta skond din il-Kostituzzjoni l-Prim Ministru huwa mehtieg li jaqdi xi funzjoni wara konsultazzjoni ma' xi persuna jew awtorita`, huwa ma jkunx obbligat li jaqdi dik il-funzjoni skond il-parir ta' dik il-persuna jew awtorita`* (sottolinear tal-Qorti).

[7] Ghalkemm it-test Malti tal-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar hatriet ghal *"karigi ufficjali"* hu evidenti li r-referenza hija ghal karigi pubblici cioe` karigi bi hlas fis-servizz pubbliku – ara t-test Ingliz li jitkellem dwar *"appointments to public offices"*; ara

marbut li jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni (salv is-seta' li jitlob rikonsiderazzjoni), u ma jistax, kif donnu qed jippretendi l-attur appellat, jiddeciedi li jhalli l-hatra ghal dak il-post jew postijiet "in abeyance" biex tiskadi biz-zmien. Kieku kien hekk, ikun qed jigi raggirat l-iskop kollu tal-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni. Huwa ghalhekk korrett l-appellant meta fir-rikors tieghu jikkontendi:

***"Huwa car illi skond l-Artikolu fuq citat* [86(1)]*, il-Prim Ministru ma jgawdi ebda diskrezzjoni illi tintitolah jaghzel li jimxi jew ma jimxix fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku maghmula in forza tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni u li dawk li jissejhu 'rakkomandazzjonijiet' huma fil-fatt decizzjonijiet vinkolanti u l-unika fakolta` li jgawdi l-Prim Ministru dwarhom hija dik illi ghal darba wahda biss jitlob rikonsiderazzjoni."***

Fil-kaz in dizamina, ma hu qed jigi allegat xejn fil-konfront tal-konvenut Prim Ministru hlief il-fatt li huwa effettivament mexa skond, fis-sens li attwa jew wettaq, id-decizzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fir-rigward ta' min kellu jinhatar fil-kariga ta' *Consultant Surgeon with an interest in Vascular Surgery*. Konsegwentement hija fondata t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li dak li qed jipprova jaghmel l-attur appellat bic-citazzjoni kif impostata huwa li jirraggira l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Din l-eccezzjoni kellha ghalhekk tintlaqa' mill-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellant u tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez ta' din l-istanza kif ukoll dawk konnessi mas-sentenza appellata ghandhom jigu sopportati mill-attur appellat. L-ispejjez konnessi mad-decizjoni tal-21 ta' Frar, 2001 ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

---

wkoll id-definizzjoni ta' "kariga pubblika" ("public office") fl-Artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------